MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 675/2008

**Awtorita Marittima ta' Malta**
**u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2011**
**l-Awtorita tat-Trasport f'Malta**
**assumiet l-atti tal-kawza a tenur tal-**
**Att dwar l-Awtorita ghat-Trasport f' Malta**

**vs**

**Waste Oils Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-Awtorita attrici fit-2 ta' Settembru, 2008 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal biex jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmi ta' euro (€2,650.83) wara li ppremettiet hekk:

"L-Awtorita Marittima ta' Malta (MMA) qed titlob il-hlas ta' elfejn, sitt mija u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€2650.83) rapprezentanti hlas ghal servizzi moghtija

minn ufficjali ta' l-Awtorita wara kontaminazzjoni biz-zejt fil-Menqa Basin.

Irrizulta mill-investigazzjonijiet ta' l-Awtorita li l-kontaminazzjoni li sehhet f'Gunju 2006 originat minn terminals operati mill-intimata. Ufficjali ta' l-Awtorita ghamlu diversi zjarat fuq il-post u taw servizzi biex tigi solvuta l-problema.

L-Awtorita nterpellat lill-intimata biex thallas l-ammont mitlub inkluz b'ittra legali tat-13 ta' Settembru 2007 izda din baqghet inadempjenti (Dok. A);

Intbaghtet ukoll ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12, izda din giet kontestata (Dok. B).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-13 ta' Settembru, 2007".

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta** imressqa minnha fid-29 ta' Settembru, 2008 u li permezz taghha ecceppiet hekk:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta intimata ma ghandha ebda responsabbilita ghall-allegat.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

3. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2008 xehdet **Gabrielle Galea,** *port officer* ma' l-Awtorita attrici. Hija bdiet billi qalet li fl-10 ta' Mejju, 2006 kien hemm *oil spill* kbira gewwa l-Port il-Kbir. Hija hadmet fuq dan il-kaz flimkien ma ufficjal iehor, illum rtirat, u cioe ma' Anthony Caruana Sparing.

Tghid li huma gew mitluba jmorru jinvestigaw *oil spill* li kien hemm fil-port u meta waslu fuq il-post setaw jikkonstataw li “*kien hemm zejt ma’ kullimkien, anki fid-deep water quay, anki fis-shipyards u fil-Menqa tal-Marsa*” (fol. 14). Hi u l-ufficjal l-iehor ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom u hejjew rapport li gie esebit fl-atti ta’ din il-kawza u gie mmarkat bhala dok. GG1.

Min qari ta’ dan ir-rapport (a fol. 17 et seq) jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. L-*oil spill* kienet ta’ 10 tunnellati u kienet bdiet fl-10 ta’ Mejju, 2006 u tnadfet fuq perjodu ta’ hamest’ (5) ijiem. It-tindif ta’ din l-*oil spill* ha hamest’ ijiem u sar mill-*Oil Pollution Response Module*.

ii. It-tip ta’ zejt li kien hiereg mill-*inner rain water culverts* kien “*burnt engine fuel oil and some light fuel oil*” (fol. 17).

iii. L-origini ta’ din l-*oil spill* kienet gejja mill-“*inner rain water culvert located at Flagstone Wharf corner with Timber* [Wharf]” (fol. 17). Sa dak-in-nhar, l-origini ta’ din l-i*spill* kien sad-data tar-rapport ghadu mhux maghruf. Il-*culverts* in kiwstjoni huma sitwati fil-Menqa Basin.

iv. Fid-29 ta’ Mejju, 2006 saret spezzjoni fis-socjeta konvenuta minhabba li kien hemm “*...connected water outlet pipeline being connected to thinwater culvert*” (fol. 18). Fit-28 ta’ Gunju, 2006 is-socjeta konvenuta bdiet ix-xogholijiet “*... to disconnect their oily water outlet from the inner rainwater culvert at around 11a.m.* ” (fol. 20).

L-istess xhud xehdet ukoll permezz ta’ affidavit. Qalet li “*L-investigazzjonijiet tal-Awtorita, urew li ghal tnejn mill-kazijiet kienet responsabbli l-kumpanija konvenuta Waste Oils Company Limited*”. Izid tghid li “*Din il-konkluzjoni wasalna ghaliha wara li saru kemm testijiet xjentifici li permezz taghhom gew imqabbla z-zejt prezenti fl-ilma u z-zejt prezenti fil-‘oily water separators’ ta’ Waste Oils Company Limited kif ukoll investigazzjonijiet, kif jirrizulta mir-rapporti li qed nannetti...*” (fol. 49).

Tul ix-xahar ta' Gunju, 2006 kien hemm episodji ohra ta' hrug ta' zejt ghalkemm, tghid ix-xhud, mhux tal-istess serjeta tal-incident ta' l-10 ta' Mejju, 2006. Hekk gara fis-16 ta' Gunju, 2006 u z-zejt baqa hiereg ghall-granet ta' wara. Fit-22 ta' Gunju, 2006 imbaghad huma hadu "*zewg samples ta' zejt, wiehed mir-rain water culvert minn fejn kien hiereg iz-zejt, u iehor mill-oily water separator li kien jinsab fl-impjant tal-Waste Oils Company Limited. Is-samples ittiehdu fil-presenza ta' Oliver Debono, Terminal Manager tal-Waste Oils u tqieghdu fi fliexken apposta ipprovduti minnu stess*" (fol. 50).

Dawn is-*samples*, imbaghad, kif diga rajna, intbaghtu ma' Christoph Brockmann, rapprezentant tal-Federal Maritime and Hydrographic Agency ta' Hamburg fejn wara li gew ezaminati gie konkluz li "*the two samples S160.1 and S160.2 received from Malta are identical without any reasonable doubt*" (fol. 31). Din il-konkluzzjoni kienet fir-rapport maghmul mill-Awtorita estera u gie anness ma' l-ittra taghha datata 27 ta' Lulju, 2006 (fol. 39). Dan ir-rapport, tghid din ix-xhud "... *jikkonkludi illi z-zejt fis-samples huwa identitku u li ghalhekk l-origini ta' dik l-oil spill hija certament responsabbilita ta' Waste Oils Company Limited*" (fol. 51).

4. **Catherine Palmier**, xehdet ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit u qalet li hija kienet inghatat struzzjonijiet minghand id-Direttur tal-Portijiet sabiex tohrog fattura lis-socjeta konvenuta "*... li tkopri l-ispejjez ta' diversi spezzjonijiet li saru fit-terminal tal-Waste Oils*". Dan ghamlitu a bazi tar-Regolamenti ta' l-1996 Dwar Bastimenti ta' Taghbijiet Perikoluzi, Terminals u Facilitajiet Marittimi u Bunkering. Il-fattura kienet ghas-somma ta' Lm1,138 pari ghal €2,650.83 u intbaghtet lis-socjeta konvenuta f' Dr. Zammit Street, Birkirkara fejn il-Falzon Group joperaw pompa tal-petrol. Ghal din il-fattura, l-awtorita attrici irceviet risposta datata 17 ta' April, 2007 iffirmata minn Cornelia Zammit German, direttur tas-socjeta konvenuta u li permezz taghha kkontestat il-fattura. Sussegwentement hija baghtet ittra spjegattiva lis-socjeta konvenuta fis-26 ta' Gunju, 2007 (fol. 98 et seq) u

li permezz taghha l-Awtorita attrici spjegat l-evidenza li kellha f'idejha izda minkejja dan, is-socjeta konvenuta baqghet ma hallset xejn.

5. Xehed fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2009 **Anthony Caruana Spearing**. Huwa qal li huwa kien jahdem bhala port officer – ghax illum irtirat – u spicca minn din il-kariga fil-21 ta' Awissu, 2008. Huwa gie muri r-rapport li jinsab a fol. 52 et seq tal-process u li gie mmarkat bhala Dok. GG2, liema rapport kien jikkoncerna *oil spill* illi sehhet f'Settembru, 2006. L-istess haga qal ghar-rapport li hemm esebit a fol. 17 et seq tal-process u li kien jirrigwarda *oil spill* li sehhet fl-10 ta' Mejju, 2006. Huwa jghid li "*dan ir-rapport niftakru, niftakar illi qrajtu u niftakar illi kont qbilt mieghu u niftakar ukoll illi ghamiltu flimkien ma' Gabrielle Galea*".

6. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2010 xehed **Oliver Debono**, *plant manager* mas-socjeta konvenuta. Huwa jghid li ghandu esperjenza dwar kif ghandhom jigu mmaneggjati l-*oil spills*. Din il-kawza, jghid dan ix-xhud, tkopri iktar minn *oil spill* wahda. Xoghol is-socjeta minnu rapprezentata "*... huwa li nirriciklaw zewjt wzat u nittrasformawh f'zejt tajjeb. Minn dan il-process johrog certu wastage illi prodott wiehed minnhom huwa ilma. Dan l-ilma jigi mbaghad ittrattat u jigi ta' livell biex ikun jista jintrema lura gewwa l-bahar*" (fol. 122).

Fl-affidavit tieghu dan ix-xhud imbaghad ighid li "*huwa car ghalhekk li investigazzjonijiet li setghu saru u konkluzjonijiet li ngabru kienu fil-bicca l-kbira spekulattivi. Il-konkluzzjonijiet li saru, kif jidher mill-affidavit pprezentat* [ta' Gabrielle Galea], *kienu fil-bicca l-kbira prodott tal-fatt li "il-kumpanija (waste Oils Company Limited), li l-premises taghha huma fl-inhawi, kellha pajp ghall-hrug ta' l-ilma li kien konness mas-sistema tal-culverts tal-ilma tax-xita li jaghtu ghall-Menqa Basin" izda fl-ebda zmien ma gie michud li seta kien hemm konnessjoni ohra utilizzata minn terzi persuni*" (fol. 128 u 129).

Dwar it-testijiet xjentifici li saru mill-Awtorita attrici, dan ix-xhud ighid li "*... meta ngabru l-kampjuni biex isiru dawn it-*

*testijiet dan ma sarx skond il-prattika f'din l-industrija, ... biex ikun hemm accertazzjoni tat-trasparenza u t-traceability ta' dak li jkun sar*" (fol. 129). F'dan ir-rigward huwa jghid li:

i. L-Awtorita attrici ma wzatx esperti indipendenti u apparat adegwat biex ittiehdu l-kampjuni taz-zejt; kemm mill-impjant tal-Waste Oils Terminal kif ukoll mill-*oil spill*.

F'dan ir-rigward, ix-xhud ighid li f'kazijiet bhal dawn huwa biss accettat li jinhatru *surveyors* indipendenti biex jittiehdu l-kampjuni. Jghid ukoll li l-kontenituri u s-*sampling equipment* kellhom ikunu nodfa u minghajr ebda kontaminanti. Skond ix-xhud, f'dan il-kaz, "... *intuza semplicement barmil li kien jinsab fuq il-moll, biex jingabar l-ilma; u jitpogga l-kampjun ta' l-ilma go flixkun vojt ta' l-ilma minerali, li ukoll kien jinsab fuq il-moll*" (fol. 129). Skond dan ix-xhud, dan il-mod ma jistax jitqies bhala mod adegwat u accettat ta' tehid ta' kampjuni u ghalhekk ir-rizultati ma ghandhomx jitqiesu bhala validi ghal din ir-raguni.

ii. Ukoll, meta ttiehdu l-kampjuni, il-metodu accettat mill-industrija huwa li, fi kliem dan ix-xhud, jittiehdu "*... in-numru <u>minimu</u> ta' kampjuni huwa dak ta' tlieta minn kull post li jittiehdu*" (fol. 129). Oltre dan, dawn il-kampjuni ghandhom ikun issigillati u mmarkati bid-data ta' meta ttiehdu fost dettalji ohra, u ffirmati mill-partijiet kollha. Imbaghad, wiehed mill-kampjuni li jkunu itteihdu jinghata lill-kull wiehed u wahda mill-partijiet biex jekk jinqala xi dizgwid jkun jista jigi analizzat minn dik il-parti li ma tkunx qablet mar-rizultat.

F'dan il-kaz, ighid dan ix-xhud, is-socjeta konvenuta qatt ma nghatat kampjun u ghaldaqstant qatt ma setghet tikkontesta jew tikkonferma l-analizi tal-ilma mit-testijiet li saru fuq l-unici kampjuni li ttiehdu. Ukoll, is-sigill tal-kampjun irid ikun misur fil-presenza ta' rapprezentant tal-partijiet involuti biex ikun hemm l-osservanza tat-trasparenza u biex jigi eliminat kull lok ta' abbuz.

iii. Ghar-rigward tal-kampjuni li qed jinghad li gew analizzati, ix-xhud ighid li dawn "*ittiehdu kemm mill-pipeline ta' Waste Oils Terminal kif ukoll mill-bahar, pero ma ttiehdux fl-istess gurnata. Dakinhar ta' l-ispill ittiehdu biss kampjuni mill-bahar. F'dak iz-zmien, cioe fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju 2006 il-punt ta' hrug tar-rimi ta' l-ilma kien maghqud mar-rain water/public sewage overflow line. Peress illi l-lok minn fejn ittiehdu l-kampjuni mill-plantroom ta' Waste Oils Company Limited jinsab taht il-livell tal-bahar, jidher car illi l-ilma kkontaminat kien qieghed jidhol gol-plant u mhux vice versa. Barra minn hekk, hemm segregazzjoni bejn id-discharge line u l-oily water separator gewwa l-istess impjant ta' Waste Oils Company Limited, permezz ta' valve gol-plant room. Madanakollu, is-sampling valve kien qieghed fuq in-naha ta' barra tal-pipeline cioe komunament mal-bahar, f'dak iz-zmien*" (fol. 130).

iv. L-istess xhud ighid ukoll li fir-rapport ta' Anthony Caruana Spearing hemm interpretazzjoni hazina tal-kliem uzat minnu fir-rapport tieghu u cioe "*Mr. Debono could not exclude the possibility of someone from the terminal having opened the wrong valve by mistake and the possibility that there could be a leaking valve inside the terminal*" (Dok. GG2 a fol. 54). Dan l-ghaliex mhux qieghed jintuza fil-kuntest li fih inghad dan id-diskors.

Ix-xhud jghid li l-Waste Oils Terminal kien maghluq u ghalhekk "*ma kienx hemm impjegati joperaw l-impjant. Ghaldaqstant, fejn din hija possibilta f'kwalunkwe cirkostanza u ghal ragunijiet varji meta l-impjant ikun qieghed jopera, f'dan l-episodju, certament ma kienx il-kaz*" (fol. 130).

Finalment ighid li "*... ma hemm l-ebda indikazzjoni li qatt ittiehdu xi kampjuni jew saru investigazzjonijiet estensivi fuq proprjeta ta' kumpaniji ohra li joperaw fl-istess zona u settur u li setghu kienu l-kawza ta' din il-kontaminazzjoni, bhal Enemalta Corporation, Tug Malta u Mediterranean Offshore Bunkering Company, fost ohrajn*" (fol. 131).

7. In kontro-ezami, **Oliver Debono**, fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2011 ighid li jaqbel li r-rapporti ta' l-Awtorita attrici jkopru perjodi ta' diversi xhur u li ghalkemm huwa qatt ma gie nfurmat ufficjalment li kienu qed isiru investigazzjonijiet min naha ta' l-Awtorita attrici pero kien hemm "*... kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn gejt mitlub mill-Awtorita attrici sabiex naghti xi nformazzjoni*" (fol. 136). Izid ighid li huwa bhala *manager* tas-socjeta konvenuta dejjem kien obbligat li jaghti access u nformazzjoni lill-Awtorita attrici u dejjem hekk ghamel.

Ghar-rigward tas-*samples* li ttiehdu, x-xhud ighid li "*naf illi ttiehdu diversi samples fil-presenza tieghi mill-Awtorita attrici pero jiena qatt ma gejt mitlub sabiex niccertifika dawn l-istess samples*" (fol. 137). Imbaghad ighid li "*... kien hemm okkazzjoni wahda biss fejn jiena stess kont tajt sample minn gewwa t-terminal stess u din fuq talba tal-awtorita attrici. Anzi nixtieq nikkoregi ruhi u nghid illi tajt sample bottle mhux sample tal-ilma. Ma niftakarx meta kienet id-data ta' din l-okkazzjoni*" (fol. 137).

Mistoqsi jekk is-socjeta minnu rapprezentata qattx ilmentat jew qattx ipprotestat dwar is-*samples* u l-investigazzjonijiet li kienu qed jittiehdu, x-xhud iwiegeb fin-negattiv. Dan il-fatt pero jorbtu mal-fatt l-iehor illi huma ma kienux gew "*... nfurmati ufficjalment li konna qeghdin nigu nvestigati u qatt ma gejna mgharrfa ghal-liema raguni qeghdin jittiehdu dawn is-samples*" (fol. 137). Il-laqghat li kienu jsiru kien spontaneji fuq il-post u s-socjeta attrici qatt ma staqsiet ir-raguni l-ghala dawn kienu qeghdin isiru. Ghar-rigward tas-*samples* li ttiehdu biex jigu ttestjati gewwa l-Germanja, x-xhud ighid li "*... dawn is-samples pero li gew ittestjati fil-Germanja kienu ttiehdu unikament minn persuna tal-Awtorita attrici li kienet wahedha*" (fol. 137). Qal li dawn il-kampjuni qatt ma gew registrati u li dan il-fatt jaghmel differenza peress li l-kampjuni jistghu jigu modifikati meta ma jkunux registrati. Bil-kelma registrati, x-xhud qed ifisser illi l-proceduri kollha ma ttiehdux u dan fis-sens li ma ittiehdux tlett *samples*, li jinghata wiehed minn dawn is-*samples* lis-socjeta konvenuta u li s-sigill tas-*samples* ma tnehhiex quddiem rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Oltre dan kollu, s-

*samples* ittiehdu minn persuna nkarigata mill-Awtorita attrici u mhux minn persuna ndipendenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Permezz ta' din il-kawza, l-Awtorita attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €2,650.83 rapprezentanti hlas ghal servizzi moghtija minn ufficjali ta' l-Awtorita wara kontaminazzjoni biz-zejt fil-Menqa Basin. L-Awtorita attrici timputa htija ghal dan it-tniggis u kontaminazzjoni fuq is-socjeta konvenuta li da parti taghha tressaq zewg difizi principali. L-ewwel wahda hija fis-sens li l-provi ma jurux definittivament li t-tniggis u l-kontaminazzjoni sehhew b'agir taghha u t-tieni li ma gietx segwita l-procedura accettabbli fl-industrija ghar-rigward tat-tehid tal-kampjuni.

9. Fis-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)** jinghad li:

*"7 (1) It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita:*

*Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skond il-ligi".*

10. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Jannar, 2012 per Onor. Imhallef Dr. Raymond C. Pace inghad li:

"*Illi dan ifisser li l-principju tal-ekwita' huwa bazilari fid-decizjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista' jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur necessarjament lill-hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta*".

11. Imbaghad il-**paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Kap. 380** jistipula li gudikatur –

*(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;*

12. Kif inhu risaput, dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici fil-materja in dizamina[1].

13. Inghad ukoll, fil-kawza **Vella vs Micallef**, illi:

*Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f'dan l-istadju jigi sottolinejat b'mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa' l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn, fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti.*

14. Ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ghandu jaqta u jiddeciedi "*kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita*" u "*ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta*" – huwa ghandu jhares ukoll id-

[1] Ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Paul Vella vs Chris Micallef;**

disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali l-ghaliex inkella wiehed jista jasal biex fil-kazijiet quddiem it-Tribunal ma jkunx hemm certezza ta' dritt l-ghaliex kollox jkun jiddependi mill-valutazzjoni libera u elastika tal-gudikatur in kwistjoni.

15. Issa fil-kaz in ezami, s-socjeta konvenuta qeghda tipprova targina l-kaz ghall-ewwel incident ossia *oil spill* li sehh. In sostenn ta' dan l-argument taghha, s-socjeta konvenuta tghid fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi "*... huwa car mid-dikjarazzjoni ta' fatti annessi ma' l-avviz quddiem it-Tribunal illi l-incident lanjat gara ghal habta ta' Gunju 2006 – there are two incidents which are being referred to: one which took place in June 2006 and another in September 2006*" (fol. 146). Fil-fatt, l-avviz ta' l-Awtorita attrici jghid li "*Irrizulta mill-investigazzjonijiet ta' l-Awtorita li l-kontaminazzjoni li sehhet f'Gunju 2006 originat minn terminals operati mill-intimata. Ufficjali ta' l-Awtorita ghamlu diversi zjarat fuq il-post u taw servizzi biex tigi solvuta l-problema*" (a tergo ta' fol. 1).

16. Pero minn qari tad-dokumenti u minn dak li rrizulta waqt il-kumpilazzjoni tax-xhieda, t-tribunal qieghed jifhem li l-ammont pretiz ta' €2,650.83 qieghed jirreferi ghaz-zewg episodji hawn fuq imsemmija. Il-fehma tat-Tribunal hija ulterjorment imsahha ukoll bid-dokument li gie esebit a fol. 96 tal-process u mmarkat bl-ittri CP 2 li huwa spjega dettaljata tad-dokument mmarkat bl-ittri CP 1 a fol. 95. Dan l-ahhar dokument, li huwa l-*invoice* li ntbaghtet lil Falzon Group of Companies jghid "*charges for attendance to incidents including pollution/emergency situations as per attached*". Il-kliem "*per attached"* jirreferu ghad-dokument CP 2 li jindika d-data ta' l-incident u t-tip ta' incident. Fil-fatt insibu, *inter alia*, hekk f'dan id-dokument:

| **Date of Inspection** | **Type of incident** | **Cost in LM** |
|---|---|---|
| | | |
| 22 June 2006 | Oil spill resulting from | 110 |

| | | |
|---|---|---|
| | oily water separator discharge outlet located at Flagstone Wharf | |
| 6 September 2006 (am) | Oil spill resulting from oily water separator discharge outlet located at Flagstone Wharf | 110 |
| 6 September 2006 (pm) | Oil spill resulting from oily water separator discharge outlet located at Flagstone Wharf | 60 |
| 7.09.06 - 3.11.06 | Follow up inspections | 570 |
| | Analysis of oil samples of 6.09.06 (pm) | 288 |
| | | |
| TOTAL | | 1138 (€2650.83) |

17. It-total ghal dan kollu huwa ta' Lm1,138 pari ghal €2,650.83 u cioe l-ammont li qieghed jintalab permezz ta' din it-talba. Huwa minnu li l-avviz seta jinkiteb b'aktar dettal, pero, kif inhu risaput, "*hu pacifiku fil-gurisprudenza li l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati kellu jitqies biss li kien sejha lill-konvenut biex jidher quddiem il-Qorti halli jirrispondi ghat-talbiet tal-attur u li konsegwentament it-termini tieghu ma kellhomx jitqiesu li kienu daqstant rigidi li ma setghux ikunu interpretati biex jinkludu dak li l-*

*partijiet kienu ben konsapevoli tieghu, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-konvenut kien sewwa a konoxxenza ta' l-import u l-kontenut tat-talba attrici*[2]". It-Tribunal huwa tal-fehma li jekk avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati kellu jitqies biss li kien sejha lill-konvenut biex jidher quddiem dik il-Qorti halli jirrispondi ghat-talbiet tal-attur u li konsegwentament it-termini tieghu ma kellhomx jitqiesu li kienu daqstant rigidi li ma setghux ikunu interpretati biex jinkludu dak li l-partijiet kienu ben konsapevoli tieghu, l-istess ragunament ghandu japplika fit-talbiet li jsiru quddiemu.

18. Dan l-insenjament huwa konsonanti ma dak li nsibu fl-**artikolu 213 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

***213.*** *Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors:*

*Iżda l-qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha meħtieġ li jsir hekk, tagħti żmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiża tiegħu biex jopponi dak il-jedd l-ieħor:*

*Iżda l-qorti ma tista' f'ebda każ tagħti ammont akbar minn dak mitlub bit-talba oriġinali.*

19. Abbinat ma dan l-artikolu tal-ligi nsibu **s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 171 tal-Kap. 12** li jghid:

---

2 Ara fost diversi sentenzi: **Korporazzjoni Enemalta vs David Casha** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2001 per S.T. Onor. J. Said Pullicino; **Anthony Farrugia vs Anthony Vella** deciza fit-22 ta' Novembru, 2002; **Maltacom p.l.c. vs Angelo Schembri** deciza fis-16 ta' Dicembru, 2002; **Emmanuel Abela vs Paul Abela et** deciza fil-5 ta' Marzu, 2003; **Charles Spiteri et vs Associated Supplies Ltd** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003; **Raymond Borg et vs Hal Mann Limited** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003; **Integrated Electronics Ltd vs Goldkraft Ltd** deciza fil-25 ta' Frar, 2004; **Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit** deciza fit-23 ta' Gunju, 2004; **Design Elements Ltd vs Michael Camilleri pro et noe** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2004; **SD Vella Co. Ltd vs Calypso Manufacturing Ltd** deciza fl-10 ta' Jannar, 2007; **Anthony Grima vs David Micallef noe** deciza fit-12 ta' Gunju, 2009. Dawn l-ahhar sensiela ta' sentenzi gew ilkoll decizi mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imh. Dr. Ph. Sciberras;

***171.** (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta'rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.*

20. Dan b'differenza ta' dak li nsibu fl-**artikolu 156 tal-Kap. 12** li jitkellem dwar ir-rikors mahluf (allura quddiem il-Qrati Superjuri) u r-rekwiziti li dan jehtieg li jkun fih sabiex jitqies validu.

21. It-Tribunal, mill-provi akkwiziti, huwa tal-fehma li s-socjeta konvenuta kienet ben konxja ta' x'kien qieghed jintalab mill-Awtorita attrici l-ghaliex id-dokumenti fuq imsemmija u cioe d-dokumenti CP 1 u CP 2 qed jitkellmu fuq spejjez li ghamlet l-istess Awtorita attrici fuq diversi *oil spills* li sehhew li li l-pretiza ghal dawn is-servizzi kienet ta' Lm1,138 pari ghal €2,560.83. Ir-risposta mressqa mill-istess socjeta konvenuta ghat-talba ta' l-Awtorita attrici ukoll tkopri – kif del resto jkopru l-provi mressqa minnha – din it-talba.

22. Issa fil-kaz odjern, jidher li fit-tieni parti tas-sena 2006 kien hemm xi *oil spills* li sehhew fil-Port il-Kbir u senjatament fid-*deep water quay* u fi *Flagstone Wharf* (Menqa). Minn investigazzjonijiet preliminari, l-addetti ta' l-Awtorita attrici ma setawx jikkonkludu minn fejn kien gej iz-zejt li beda hiereg ghall-bahar izda imbaghad sussegwentement, minn analizi li kienet wetqet l-awtorita attrici fuq zewg kampjuni ta' zejt, wiehed migbur mill-*inner rain water culvert* u l-iehor mill-*exit for oily water separator* tas-socjeta konvenuta fit-22 ta' Gunju, 2006 (fol. 20) irrizulta li dawn kienu "... *identical without any reasonable doubt*" (fol. 31). Dan wasal lill-Awtorita attrici biex tikkonkludi li s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghal perkolazzjoni taz-zejt fil-bahar. Is-socjeta konvenuta tghid li fil-vicinanzi hemm ukoll "*kumpaniji ohra li joperaw fl-istess zona u settur u li setghu kienu l-kawza ta' din il-*

*kontaminazzjoni, bhal Enemalta Corporation, Tug Malta u Mediterranean Offshore Bunkering Company, fost ohrajn*" (fol. 131). Oltre dan, hija tghid li ma gietx segwita l-procedura rikjesta fl-industrija ghar-rigward tat-tehid tal-kampjuni.

23. Nibdew dwar dan l-ahhar punt. Is-socjeta konvenuta tghid li l-Awtorita attrici ma uzatx esperti ndipendenti u apparat adegwat biex jittiehdu l-kampjuni taz-zejt kemm mill-impjant tal-Waste Oils Terminal u kif ukoll mill-*oil spill*. Ukoll, ma ittiehdux tlett kampjuni minn kull post li ittiehed il-kampjun. Kif lanqas ma gew sigillati u infethu fil-presenza ta' rapprezentant tal-kumpanija meta saret l-analizi.

24. Minn qari tar-regolament numru 8 ta' l-Avviz Legali numru 1 tas-sena 1996, kif sussegwentement emendat, intitolat ir-Regolamenti dwar bastimenti ta' taghbijiet perikoluzi, terminals u facilitajiet marittimi u bunkering, u senjatament jirrizulta li:

"*8. (1) Kull spettur mahtur mill-Awtorità jista' jmur liberalment f 'kull hin u minghajr ghoti ta' avviz minn qabel, abbord kull barkun tal-bunkers jew bastiment, jew gewwa kull terminal marittimu/facilità marittima, jew biex jispezzjona l-attivitajiet ta' kull interess fit-taghbija gewwa l-port li ghalihom japplikaw dawn ir-regolamenti.*

*(2) Waqt spezzjoni spettur jista' jiehu kampjun jew kampjuni tat-taghbija jew sustanzi ohra u jiehu hsieb li dawn jittiehdu biex jigu ttestjati f 'dawk il-postijiet u f 'dawk il-hinijiet li l-Awtorità tista' tistabbilixxi. Il-Kaptan, is-sid jew operatur, l-interessi fit-taghbija jew kull persuna ohra mahtura minnhom jistghu jkunu prezenti waqt dak l-ittestjar.* (sottolinejar tat-Tribunal).

*(3) Il-persuni specifikati taht ir-regolament 5 ghandhom jaghtu l-koperazzjoni u l-ghajnuna kollha taghhom lil kull spettur bhal dak, inkluza l-prezentazzjoni ta' kull dokument li jintalab minn dak l-ispettur, jew li z-zamma tieghu hija preskritta b' dawn ir-regolamenti jew bl-Istrumenti Rilevanti, u l-interrogazzjoni, jew wehidha jew*

*fil-prezenza ta' xhieda, ta' kull persuna li l-ispettur iqis li tkun rilevanti ghal xi spezzjoni jew investigazzjoni li tkun qed issir"*.

25. F'dawn ir-Regolamenti ghalhekk insibu li spettur mahtur mill-Awtorita "*jista jiehu kampjun tat-taghbija jew sustanzi ohra u jiehu hsieb li dawn jittiehdu biex jigu ttestjati f'dawk il-postijiet u f'dawk il-hinijiet li l-Awtorita tista tistabilixxi*". Imbaghad is-sid jew l-operatur jew kull persuna ohra mahtura minnhom jistghu jkunu prezenti waqt l-ittestjar. Mela hawn jirrizulta x'inhu mehtieg biex ir-rizultat minn dawn il-kampjuni jkunu validi. Ma huwiex mehtieg minn dan ir-regolament li jinghata kampjun lill-hadd. Lanqas ma huwa rikjest li jittiehdu tlett kampjuni, u lanqas ma huwa mehtieg li l-kampjun jittiehed minn xi hadd li ma jahdimx ma' l-Awtorita. Anke ghar-rigward tal-presenza tal-parti waqt li jkun qieghed isir l-ittestjar hija fakoltativa ghal individwu. Ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta konvenuta kienet infurmat lill-Awtorita attrici li hija riedet rapprezentant taghha prezenti ghal ittestjar. L-obbligu kien fuqha li hija tistaqsi ghal dan, tenut kont tal-fatt, li hija kienet taf x'kien qed isir mill-Awtorita attrici u l-adetti taghha. Dwar il-fatt li l-kampjun seta jigi kontaminat, anke in vista ta' dak li l-istess Debono jghid fl-affidavit tieghu u cioe li "*F'kaz minnhom intuza semplicement barmil li kien jinsab fuq il-moll, biex jingabar l-ilma; u jitpogga l-kampjnun ta' l-ilma go flixkun vojt ta' l-ilma minerali, li ukoll kien jinsab fuq il-moll*" (fol. 129) t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jghid l-istess xhud in kontro-ezami, u cioe "... *tajt sample bottle*" (fol. 137). Illi ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jilqa l-argument tas-socjeta konvenuta li l-kampjuni ma humiex validi u ghandhom jigu skartati ghax ma ittiehdux skond il-prattici normali ta' l-industrija. Rajna li l-Awtorita attrici mxiet ma dak li tghid u trid il-ligi u ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn il-kampjuni li ttiehdu ghandhom jitqiesu bhala validi.

26. Kif rajna ukoll, l-Awtorita wettqet l-ezamijiet fuq il-kampjuni mehuda f' laboratorju gewwa Hamburg (il-Germanja). Dan il-laboratorju ikkonkluda li z-zewg kampjuni li ttiehdu – wiehed migbur mill-*inner rain water culvert* u l-iehor mill-*exit for oily water separator* tas-

socjeta konvenuta fit-22 ta’ Gunju, 2006 (fol. 20) – kienu “... *identical without any reasonable doubt*” (fol. 31). Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita attrici, irnexxielha tipprova n-ness rikjest, biex hija tasal ghal konkluzzjoni li s-socjeta konvenuta kienet tahti ghal dan il-perkolazzjoni ta’ zejt.

27. Argument iehor li tressaq is-socjeta konvenuta huwa li fil-vicinanzi tas-socjeta konvenuta hemm kumpaniji ohra li joperaw fl-istess settur. It-Tribunal jiddikjara li ma tresqux provi konvincenti bizzejjed biex huwa jikkonvinci ruhhu li dak allegat ghandu mis-sewwa jew li l-perkolazzjoni taz-zejt setat kienet gejja minn xi kumpanija ohra li tahdem fl-istess settur bhal dak tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta setat facilment staqsiet lix-xhieda mressqa mill-awtorita attrici jekk kienx hemm xi kumpaniji simili fid-dintorni jew inkellha jekk l-awtorita attrici qattx kienet hadet xi proceduri kontra xi kumpanija li hemm fil-vicinanzi taghha. Minn dan kollu ma hemm xejn.

28. Oltre dan, il-fehma tat-Tribunal li s-socjeta konvenuta ghandha tahti ghal dan l-akkadut hija msahha ukoll minn dak li kiteb Anthony Caruana Spearing fir-rapport tieghu datat 24 ta’ Ottubru, 2006 (Dok. GG2) li gie debitament ikkonfermat bil-gurament tieghu meta dan ta’ l-ahhar xehed fis-26 ta’ Frar, 2009. Fir-rapport tieghu a fol. 54 tal-process, Caruana Spearing qal hekk:

**“*Morning of Wed 06-09-06***

*At around **0825 hrs**the undersigned contacted Mr Oliver Debono Terminal Operations Manager of Waste Oils Co. Ltd and informed him about the sill and requested him to come on site at Flagstone Wharf. When Mr Oliver Debono arrived on site at around **0830 hrs** together we surveyed the area, with particular focus on the dirty pipeline originating from the Waste Oils Co. Ltd terminal that had been spotted dripping dirty, oily water.*

*Mr Oliver Debono denied that the spill originated from the above-mentioned terminal. The undersigned informed Mr. Debono about MMA procedures with respect to oil spills in*

*the port, which include informing the OPRM (Oil Pollution Response Module) to carry out the cleanup and MMA taking samples from the surrounding sea and in this particular circumstance, due to the freshly used pipeline, also one sample from the terminal. The undersigned also informed that should the samples coincidentally match, then the polluter would have to pay for all the expenses being incurred including the cleanup, samples and any environmental damage expenses.*

***Mr. Debono at this point stated that altough the spill did not originate from his terminal he said he was prepared to carry out the cleanup due****. The reason given for this was that Mr. Debono could not exclude the possibility of someone from the terminal having 'opened the wrong valve by mistake' and the possibility that there could be a 'leaking valve inside the terminal'*[3]" (sottolinejar f'dan l-ahhar paragrafu tat-Tribunal).

29. It-Tribunal jistaqsi l-ghala Debono iddecieda li jaghmel it-tindif rikjest meta huwa qed jghid ukoll ma kellux x'jaqsam mal-perkolazzjoni taz-zejt? Jekk verament is-socjeta konvenuta, rapprezentata minn Oliver Debono, *Terminal Operations Manager*, ma kellhiex x'taqsam ma din il-perkolazzjoni, allura messha qatt ma involviet ruhha fit-tindif.

30. Ghalhekk, galadarba t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghal perkolazzjoni ta' zejt in kwistjoni, imiss issa li jigi deciz jekk l-ammont rikjest mill-Awtorita attrici huwiex dovut jew le. Is-socjeta konvenuta tghid li hija qatt ma talbet lill-Awtorita sabiex tibghat l-adetti taghha ghandha u li dak li ghamlet l-Awtorita ghamlitu ghax riedet hi. Kieku ma rrizultax li s-

3 B'referenza ghaz-zewg kwotazzjonijiet maghmulin f'dan il-paragrafu minn Caruana Spearing, l-istess Oliver Debono, fl-affidavit tieghu jghid li dan il-kliem "*m'humiex qeghdin jintuzaw fil-kuntest li fih inghadu, peress illi fil-hin li giet ikkawzata l-oil spill, Waste Oils Terminal kien maghluq u ghalhekk ma kienx hemm impjegati joperaw l-impjant. Ghaldaqstant, fejn din hija possibilita f'kwalunkwe cirkostanza u ghal ragunijiet varji meta l-impjant ikun qieghed jopera, f'dan l-episodju, certament ma kienx il-kaz. Fil-fatt dan il-kliem li nghad minn Mr. Caruana Spearing kien intqal f'zewg kuntesti differenti b'risposta ghal certu mistoqsijiet li kien qed jaghmel l-istess Mr. Caruana Spearing lili bhala procedura tal-investigazzjoni*" (fol. 130). X'kienu dawn iz-zewg kuntesti differenti pero dan ix-xhud ma jghid xejn!

socjeta konvenuta ghandha tigi dikjarata responsabbli ghal perkolazzjoni ta’ l-ilma, allura l-argument taghha kien ikun gustifikat, pero dan ma huwiex il-kaz. Diga rajna li l-Awtorita attrici irnexxielha tipprova li z-zjut li hargu kienu kkawzati mis-socjeta konvenuta u allura l-istess socjeta konvenuta ghandha twiegeb ukoll ghall-ispejjez li l-Awtorita attrici nefqet fil-kaz odjern.

31. Il-*quantum* ta’ l-ispejjez ma giex kontestat f’dawn il-proceduri. Oltre dan, l-ammonti rikjesti permezz tad-dokumenti CP 1 u CP 2 (fol. 95 u 96) jikkombaccaw ma’ dawk l-ammonti li jissemmew fl-Iskeda E, intitolata drittijiet ghall-hrug u tigdid tal-licenzi ta’ l-operaturi tal-bunkering u hlasijiet ghall-ispezzjoni tal-facilitajiet ta’ operaturi tal-bunkering li tinsab fir-Regolamenti dwar bastimenti ta’ taghbijiet perikoluzi, terminals u facilitajiet marittimi u bunkering[4]. Il-paragrafu (f) ta’ din l-Iskeda E jaqra hekk:

“*L-Awtorità tista’, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti u taht dawk il-kondizzjonijiet li hija tista’ tqis xierqa, tiehu l-inkarigu li tispezzjona l-attivitajiet u facilitajiet imhaddma mill-operatur tal-bunkering, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-bahar, bi spejjez tas-sid, suggett ghal hlas minimu ta’ €23.29 ghal kull siegha jew parti minnha ghal kull spettur u hlas minimu iehor ta’ €116.47 ghal kull jum jew parti minnu jekk it-trasport tal-bahar ikun mehtieg jew meqjus bhala adatt ghat-tmexxija effettiva ta’ dik l-ispezzjoni*”.

32. Ghalhekk, l-ammont mitlub huwa dovut u ppruvat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta jilqa t-talba ta’ l-Awtorita attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-Awtorita attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmi ta’ euro (€2,650.83) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont skond l-ghola rata permessa mill-ligi mid-data ta’

[4] Avviz Legali numru 1 tas-sena 1996 kif sussegwentement emendat

meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------